**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 29 ta' Awwissu 2015**

**PULIZIJA**

**Spettur Trevor Micallef**

**VS**

**Miguel Capella Sanchez**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Miguel Capella Sanches bin Francisco u Belen nee' Sanchez, mwieled 24 ta'\; Awwissu 1995, Spanja, residneti 26, Concordia, Triq tal-Mielah, Madliena u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 2747308G;

Talli F'dawn il-gzejjer fid-29 ta' Awwissu 2015 ghal habta tas-5.40am f' San Giljan jew fil-vicinanzi;

1) Minhgajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Mohamed M. Mahdi Mahdi;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 221 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Art 22 tal-Kap446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**